**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 TA' LULJU, 2002

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 1231/02 AE**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Diane Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mitejn u hamsin lira Maltija (Lm1,250) konsistenti f'depozitu relatat mal-kirja tal-fond Topsy, Triq il-Fortizza, Madliena, liema fond gie mikri lill-bank attur mill-konvenuta u gie ritornat lilha f'Dicembru tas-sena 2001, u dan

wara li nghatalha, fiz-zmien opportun id-debitu pre-avviz ta' terminazzjoni tal-kiri skond klawzola 12 ta' l-istess ftehim, u li l-ahhar kontijiet ta' ilma u dawl thallsu mis-socjeta attrici f'Marzu 2002.

Ra li ghalkemm jirrizulta mill-atti li l-konvenuta giet debitament notifikata, naqset milli tikkontesta l-kawza u milli tidher ghas-seduti.

Semgha lill-Prokuratur Legali Adrian Borg jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf mitejn u hamsin lira Maltija (Lm1,250), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez  (inkluzi d-drittijiet legali) jithallsu mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**